SEMINARJU MAĠĠURI TAL-QALB TAL-ĠESÙ

It-Tieni Ċiklu

JOSEPH ATTARD

# ID-DIMENSJONI PERSONALI TAS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA

*Mons Anton Borg*

Xogħol ippreżentat bħala parti
mill-kors tat-Teoloġija Morali:
Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

Rabat - Għawdex

Jannar 2014

# KONTENUT

1. INTRODUZZJONI;

2. IL-QDUSIJA PERSONALI U SAGRAMENTALI;

3. VERITAJIET IMPORTANTI LI JIKKONĊERNAW IS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA;

4. L-ISTQARRIJA TAD-DNUBIET BĦALA KUNDIZZJONI PERSONALI NEĊESSARJA GĦALL-VERA KONVERŻJONI TAL-QALB:

    4.1 IS-SENS NISRANI TAL-ISTQARRIJA TAD-DNUBIET;

    4.2 XI OSSERVAZZJONJIET TEOLOĠIĊI-PASTORALI:

        4.2.1 L-IŻVILUPP TEOLOĠIKU TAL-*ISTQARRIJA;*

        4.2.2 L-IŻVILUPP PASTORALI TAL-*ISTQARRIJA;*

5. KONKLUŻJONI;

6. BIBLIJOGRAFIJA.

# 1.
# INTRODUZZJONI

Il-Knisja Kattolika u diversi teoloġi jsostnu, u hekk hu, li fid-dinja tal-lum, is-sagrament tal-penitenza jinsab fi kriżi.[1] Dan għaliex qegħdin ngħixu f'dinja fejn is-sens tad-dnub qiegħed jonqos. Għalhekk, hu meħtieġ li jkun hemm wisq aktar insistenza fuq l-għarfien tar-realtà tad-dnub u l-ħażen.

Il-bidu tal-konverżjoni, hu dispożizzjoni soda li għandha l-bidu tagħha fl-għarfien tal-imħabba ta' Alla, kollu ħniena. *"Dawk li jaslu biex jagħrfu u jaraw lil Alla b'dan il-mod, ma jistgħux igħixu jekk mhux f'konverżjoni dejjem sejra lejH. Hekk ikunu jgħixu f'qagħda ta' konverżjoni."*[2] Il-penitenza hija parti essenzjali u kostituttiva tal-wirt tal-ħajja nisranija fl-imgħammdin. Iżda hi mmarkata bit-tama tal-maħfra: *"Intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa ssibu l-ħniena."*[3]

Insostnu li l-evanġelizzazzjoni l-ġdida, titlob sforzi ġodda biex l-insara jerġgħu jersqu lejn is-sagrament tal-penitenza, għaliex is-sagrament tal-penitenza *"...jiftaħ it-triq għal kulħadd, u l-aktar għal dawk imtaqqlin bi dnubiet gravi biex individwalment iġarrbu ħniena, dik l-imħabba aktar qawwija mid-dnub."*[4]

---

[1] Ramos-Regidor Josè, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino 1972, 35.
[2] John Paul II, *Dives in Misericordia* (1980) (online) : http://www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/encyclicals/documents/hf_jp-ii_enc_30111980_dives-in-misericordia_en.html [26 ta' Novembru, 2013], 13.
[3] 1 Pt. 2, 10.
[4] John Paul II, *Dives in Misericordia* (1980) (online) : http://www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/encyclicals/documents/hf_jp-ii_enc_30111980_dives-in-misericordia_en.html [26 ta' Novembru, 2013], 13.

Għalhekk, l-ewwel pass, li jeħtieġ isir hu, li n-nisrani jifhem u jagħmel il-konverżjoni vera, b'għarfien sinċier mimli sogħba ta' dawk in-nuqqasijiet u difetti li jinsabu fih. Illum, il-Knisja tħoss il-bżonn tal-insistenza fuq il-qrar individwali ta' spiss, biex hekk wieħed jagħraf jasal għand Alla b'mod personali awtentiku.[5] Għaldaqstant, ser nippruvaw niżviluppaw dan il-ħsieb.

[5] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 36.

## 2.
## IL-QDUSIJA PERSONALI U SAGRAMENTALI

Tajjeb li qabel ma ngħaddu għal diversi konsiderazzjonjiet tad-dimensjoni personali fir-rigward tas-sagrament tal-penitenza, naraw x'nifhmu bi qdusija personali u dik sagramentali. Hekk imbagħad, nifhmu aħjar l-oriġini proprji tal-grazzji. Meta qed nikkunsidraw il-qdusija personali u sagramentali, oriġinarjament kienet issir distinzjoni bejn il-qdusija ontoloġika li hi ta' natura oġġettiva-sagramentali u l-qdusija suġġettiva, li hi ta' natura personali.[6]

Importanti li nsostnu, li l-fatt li nirċievu s-sagramenti, ma jfissirx li dawn jiddispensaw lill-bniedem mill-impenn tad-dixxiplina miegħu nnifsu, u mill-koperazzjoni personali tiegħu għas-sagramenti. Infatti, ikun ferm diffiċli li s-sagramenti jħallu effett fil-bniedem, jekk il-bniedem ma jkollux dispożizzjoni nterna li jirċevihom.[7] Li jeħtieġ insaqsu f'dan ir-rigward, hu: Jista' jkun li xi darba eżami personali tajjeb tal-kuxjenza jkun fuq livell ta' 'qrara ta' devozzjoni'? Għandhom l-istess valur u l-istess effetti għas-salvazzjoni?

Bla dubju, ma nistgħux nirrispondu għal din il-mistoqsija billi nwieġbu biss, li nkwantu s-sagramenti huma effettivi *"ex opere operato",*[8] allura jfisser li ma tistax tirċievi grazzji

---

[6] RAHNER KARL, *Theological Investigations*, II, London 1975, 109.
[7] Ibid.
[8] Ibid.

mingħajr iċ-ċelebrazzjoni proprja tas-sagramenti. F'dan il-kuntest, jeħtieġ inpoġġu wkoll il-mistoqsija: Il-grazzji sagramentali l-bniedem jirċevihom biss direttament mis-sagramenti nfushom? jew hemm mezzi oħra?

Infatti, kif diġa' spjegajt, hemm effetti sagramentali li l-bniedem ma jistax jirċevihom jekk mhux b'effett tas-sagramenti stess. Però l-grazzji santifikanti, fil-verità, mhumiex ħierġa biss mis-sagramenti infushom, imma wkoll mill-ħajja Kristjana.[9] Jiġiferi, wieħed jista' jirċievi grazzji diversi jekk dan jipprova jgħix ħajtu bl-aktar mod perfett, billi: jaqdi tajjeb id-dmirijiet tiegħu, jħares il-kmandamenti, jagħmel il-penitenza, jitlob eċċ.

Nikkonkludu għalhekk, li l-bniedem jeħtieġ li jkollu d-dispożizzjoni interna biex ikun miftuħ għall-grazzji li ħerġin direttament mis-sagramenti; filwaqt li jipprova jgħix ħajja matura ta' nisrani veru biex permezz ta' għexien tajjeb jirċievi wkoll grazzji oħra mingħand Alla.[10] Dan kollu juri bl-aktar mod ħolistiku l-mezzi proprji għas-salvazzjoni tal-bniedem.

[9] *Catechism of the Catholic Church*, translated by Geoffrey Chapman, London 1994, 2023.
[10] RAHNER KARL, *Theological Investigations,* II, London 1975, 110.

# 3.
# VERITAJIET IMPORTANTI LI JIKKONĊERNAW IS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA

Filwaqt li nżommu f'moħħna d-distinzjoni bejn il-qdusija personali u dik sagramentali, meta qed nitkellmu mis-sagrament tal-penitenza, jeħtieġ niftakru li r-rikonċiljazzjoni bejn żewġ persuni teħtieġ impenn minn żewġ naħat, jiġifieri, ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni u konverżjoni tal-midneb jekk ma jkunx Alla l-ewwel li joffri l-grazzja tal-maħfra u tal-ħbiberija tiegħu,[11] u li din titrasforma bl-aktar mod radikali lin-nisrani midneb mill-ġewwieni tiegħu.

Insostnu li lanqas ikun hemm konverżjoni u rikonċiljazzjoni, jekk il-midneb jibqa' mwaħħal mal-atteġġjament tiegħu ta' rifjut t'Alla u tal-oħrajn. Dan ikun ifisser, li hu qiegħed juri li mhux qed jikkopera għat-tqanqil tal-Ispirtu, u allura mhux lest li jbiddel l-atteġjament tiegħu, billi jeħles mid-dnub u jwaħħad ruħu m'Alla, u l-Knisja pellegrina.[12]

F'dan il-kuntest tajjeb li niddefinixxu x'nifhmu b'virtù tal-penitenza li allura tagħti sustanza aktar għal dak li qegħdin ngħidu. Il-virtù tal-penitenza hija: *"d-dispożizzjoni morali u reliġjuża retta li twassal lill-bniedem, imqanqal mill-grazzja ta' Kristu biex jirbaħ u jissupera d-dnub fih innifsu u fil-konsegwenzi personali u soċjali tiegħu."*[13] Ma'

[11] *Catechism of the Catholic Church*, translated by Geoffrey Chapman, London 1994, 1441.
[12] Ibid. 1448.
[13] Rahner Karl, *Encyclopedia of Theology*, India 2004, 1187.

din l-ispjegazzjoni tal-virtù tal-penitenza jeħtieġ li nuru wkoll l-atteġġjament doppju u inseparabbli tagħha.

L-ewwelnett, il-virtù tal-penitenza tagħti rieda deċiża u effikaċi ta' ċaħda tal-passat li kien maħkum mid-dnub, b'ħarsa kuraġġjuża lejn il-futur. It-tieni, tagħti orjentament radikali lejn Alla[14] u lejn l-oħrajn[15] li jikkostitwixxu l-missjoni ta' kull nisrani. Din il-missjoni tan-nisrani, u allura ta' kull midneb, tilħaq il-qofol tagħha meta hi animata mill-karità. Għalhekk jeħtieġ li l-midneb isir orjentat bl-aktar mod radikali lejn Alla u lejn il-bnedmin. Dan għaliex, is-sogħba mid-dnub min-naħa tal-midneb jilħaq l-effikaċja salvifika tiegħu meta huwa 'infurmat' mill-karità. Dan hu li trid turi l-espressjoni Tridentina *"contritio caritate perfecta."*[16] Għalhekk ukoll, li San Tumas jinsisti ħafna li s-sogħba mqanqla mill-karità hija neċessarja għall-ġustifikazzjoni tal-midneb.[17]

Li jeħtieġ nikkunsidraw fl-espressjoni Tredentina: *"contritio caritate perfecta"* hu, li inizjalment dan l-orjentament jista' jkun imperfett inkwantu l-kuxjenza tista' tkun egoċentrika. Dan ifisser li allura jeħtieġ ikun hemm perfezzjonament fid-dawl tal-fidi, sintendi dejjem iggwidata mill-Ispirtu s-Santu, mal-prinċipji u l-valuri evanġeliċi li ħallielna Kristu. Għaldaqstant, inpoġġu l-mistoqsija: Kif jista' l-penitent - nisrani midneb- jakkwista din il-perfezzjoni li minnha qegħdin nitkellmu?

---

14 Relazzjoni vertikali.
15 Relazzjoni orizzontali.
16 RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino 1972, 214.
17 Ibid. 196.

Dan jista' jseħħ f'żewġ aspetti: mill-aspett psikoloġiku u mill-aspett ontoloġiku. L-aspett psikoloġiku hu mibni fuq il-manifestazzjoni ekkleżjali tas-sogħba, filwaqt li dak ontoloġiku hu mibni fuq il-kelma effikaċja tal-maħfra u t-talba tal-Knisja.[18] Permezz ta' dawn, in-nisrani midneb jagħmel sforz lejn din it-triq tal-perfezzjonament.

Naturalment nirrikonoxxu, li jista' jagħti l-każ ukoll li, xi darba, l-penitent jasal għal dan li qegħdin insostnu, fuq il-*"perfecta caritate"*, qabel iċ-ċelebrazzjoni proprja tal-istess sagrament tal-penitenza. Għalhekk insostnu, li l-att tiegħu xorta ma jkunx ontoloġikament komplet, sakemm dak li hemm fil-*foro interno* jiġi manifestat fil-*foro esterno.*[19]

Hawnhekk qed nitkellmu mill-*"votum sacramenti."*[20] Il-*"votum sacramenti"* hija espressjoni meħtieġa biex tesprimi il-konnessjoni intima ontoloġika,[21] jiġifieri tfisser meta s-sogħba perfetta takkwista t-twettiq ontoloġiku u psikoloġiku tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament. Barra minn hekk, din l-espressjoni tfisser ukoll, rikonċiljazzjoni milħuqa qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament, li hu effett antiċipat tal-istess sagrament li għalih is-sogħba hija ontoloġikament ordnata. Għaldaqstant nikkonkludu, li l-*"votum sacramenti"* huwa dak l-att volontarju li jikkonsisti fl-

[18] Ibid. 327.
[19] Ibid. 214-215.
[20] Ix-xewqa li wieħed iqerr.
[21] Ibid. 196.

aċċettazzjoni[22] sinċiera tal-ordinazzjoni ontoloġika u tas-sogħba perfetta lejn iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament.[23]

B'dan joħroġ aktar fid-dieher, li ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-penitenza, barra milli jirrealizza l-ordinazzjoni ontoloġika u dik psikoloġika, jinkludi wkoll l-offerta ulterjuri ta' grazzja, li twassal għal intensifikazzjoni tal-proċess tal-konverżjoni.[24] Dan jgħin, biex jespliċita l-'grazzja sagramentali' mibnija proprju fuq l-għaqda m'Alla permezz ta' Kristu fl-Ispirtu, li jaġixxi fil-Knisja; b'taqbida kontinwa kontra d-dnub fid-dimensjonjiet kollha: personali, soċjali u ekkleżjali.

[22] Tista' tkun impliċitament u espliċitament kuxjenti.
[23] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 196.
[24] Ibid. 322.

## 4.
## L-ISTQARRIJA TAD-DNUBIET BĦALA KUNDIZZJONI PERSONALI NEĊESSARJA GĦALL-VERA KONVERŻJONI TAL-QALB

### 4.1
### IS-SENS NISRANI TAL-ISTQARRIJA TAD-DNUBIET

In-nisrani jifforma parti minn komunità ekkleżjali. Għalhekk waħda mill-kundizzjonjiet neċessarji biex penitent jerġa' jiġi fi ħbiberija ma' din il-komunità ekkleżjali[25] hi l-istqarrija tad-dnubiet.[26] Biex is-sogħba tkun verament Nisranija, mhux biss hu mportanti li jkun hemm konverżjoni lejn Alla, imma jeħtieġ ukoll li dan iseħħ mal-Knisja ta' Kristu li hi l-poplu t'Alla. Permezz ta' dan, il-penitent ikun jesprimi l-umanità totali tiegħu, l-konverżjoni tal-qalb, u d-distakk mid-dnub.[27]

Infatti, l-istqarrija tad-dnubiet mill-penitent, tieħu dimensjoni ekkleżjali esterna, inkwantu l-Knisja hi realtà sagramentali, mwaqqfa fuq komunjoni interna li timmanifesta ruħha u tiġi realizzata b'mod effikaċi fil-komunjoni esterjuri u soċjali tagħha. Din l-istqarrija jeħtieġ li ssir mhux f'sens ta' ripetizzjoni mekkanika ta' xi jkunu d-dnubiet, iżda għandha tkun sinjal u espressjoni esterna u ekkleżjali tas-sogħba interna, mument intrinsikament importanti għall-istess penitent.[28]

---

[25] Bil-Latin: *"Pax ecclesiae"*.
[26] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino 1972, 194.
[27] *Catechism of the Catholic Church*, translated by Geoffrey Chapman, London 1994, 1441-1445.
[28] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino 1972, 214.

L-istqarrija tad-dnubiet, hi wkoll att ta' kult, għaliex hija espressjoni tal-karattru tal-magħmudija, li bil-qawwa tiegħu n-nisrani hu parteċipi fis-saċerdozju ta' Kristu. Dan is-sens fundamentali tal-istqarrija joħroġ fid-dieher l-importanza għaliex il-penitent jeħtieġ jistqarr ħtijietu, kemm dnubiet venjali kif ukoll dnubiet mejta.[29]

[29] Mhux daqshekk importanti li nifhmu, f'dan ir-rigward, id-distinzjoni bejn dnubiet mejta u dnubiet venjali. Ngħidu biss, li d-dnubiet mejta huma sitwazzjoni frott ta' għażla liberament deċiża mill-bniedem, li twassal għal xiżma radikali u totali minn Alla; filwaqt li d-dnubiet venjali huma sitwazzjoni ta' oppożizzjoni, li hi frott nuqqas ta' impenn għas-sejħa li Alla kontinwament qiegħed jagħmel lill-bniedem, imma mhijiex xiżma radikali.

## 4.2
## XI OSSERVAZZJONJIET TEOLOĠIĊI-PASTORALI

Dak li għadna kif rajna, hu t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja rigward l-importanza tal-istqarrija tad-dnubiet[30] li tkompli twessa d-dimensjoni personali tas-sagrament tal-penitenza. Però fil-verità, jeżistu fil-kamp morali, sitwazzjonjiet li huma xi ftit delikati u jeħtieġ għalhekk li nindirizzawhom ukoll. Dan joħroġ fid-dieher kemm it-tagħlim tal-Knisja mhux ankrat fir-riġidità, imma pjuttost fil-bniedem. Għalhekk ser nagħmlu xi osservazzjonjiet teoloġiċi-pastorali.

Wieħed jeħtieġ jikkunsidra, fil-pastorali tal-*istqarrija*, l-osservazzjonjiet ermenewtiċi dwar l-integrità tal-istqarrija tad-dnubiet verament mejta, skond il-Konċilju ta' Trentu. Fl-istess ħin però, t-teoloġija pastorali tal-*istqarrija* ma tistax tillimita ruħha li tiġġustifika u tiddefendi prassi li diġa' teżisti.[31] Għal dan hija tfittex li tipproponi lill-Insara tal-preżent is-sens fundamentali, u tintegrahom fl-eżiġenza spiritwali u kulturali ta' żminijietna.

---

[30] Kemm id-dnubiet venjali, kif ukoll id-dnubiet mejta.
[31] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 299.

## 4.2.1
## L-IŻVILUPP TEOLOĠIKU TAL-*ISTQARRIJA*

Jekk nitfgħu l-ħarsa tagħna fil-bidu tal-ewwel sekli tal-Knisja, jiġifieri fis-sekli XII u XIII,[32] ninnutaw li l-istqarrija bl-assoluzzjoni kienet b'mod definittiv twettaq iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-penitenza. Imbagħad, il-Konċilju ta' Trentu, jpoġġi s-sogħba bħala l-ewwel att li jrid jagħmel penitent: *"...n-niket tar-ruħ u l-istmerrija tad-dnub flimkien mal-fehma li ma jidnibx qatt u qatt iżjed."*[33]

Hawnhekk jeżistu żewġ dimensjonjiet li huma mportanti: r-rieda li ma terġax tidneb u li tibda ħajja ġdida, u r-rieda li teskludi kull rabta voluntarja mad-dnub tal-passat. Il-Konċilju jsostni, li l-indiema hija neċessarja għall-maħfra, anke fis-sagrament. Nitkellmu għalhekk, minn indiema perfetta li tirrikonċilja lill-bniedem m'Alla anke qabel l-*"actu sacramenti ma non sine sacramenti voto."*[34]

Fir-rigward tal-istqarrija tad-dnubiet, ir-riformaturi tal-Konċilju sostnew ukoll n-neċessità *"iure divino"*[35] tal-istqarrija integra tad-dnubiet mejta.[36] Il-Konċilju, jirreferi hawnhekk għall-Evanġelju ta' San Mattew: *"Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-*

[32] Ibid. 194.
[33] Bil-Latin: *"Animi dolor ac detestatio de peccato commisso, cum proposito non peccandi de cetero".*
[34] Ramos-Regidor Josè, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 214.
[35] Dritt Divin.
[36] Ibid. 218.

*smewwiet."*[37] In-neċessità ta' dan is-sagrament, allura, għandha tkun mifhuma *"in re*[38] *o*[39] *in voto",*[40] u għalhekk kundizzjonata.[41]

Ma' dan, il-Konċilju ta' Trentu, jafferma wkoll li l-istqarrija tad-dnubiet testendi wkoll għad-dnubiet kollha verament mejta, anke okkulti. Dan kollu bil-qies ta' kemm wieħed jista' jiftakar permezz ta' eżami diliġenti tal-kuxjenza. Finalment, il-Konċilju ta' Trentu afferma l-oriġini tal-istqarrija tad-dnubiet u min-naħa l-oħra reħa libertà għall-istoriċi sabiex jispjegaw l-evoluzzjoni fuq il-mod ta' kif seħħ il-qrar tul is-sekli. B'dan il-mod ma jkunx imur kontra l-fatt li Kristu waqqaf is-sagrament: *"Non est alienum ab institutione et mandato Christi."*[42]

---

[37] Mt 18, 18.
[38] Li tfisser *fil-fatt.*
[39] Li tfisser *jew.*
[40] Li tfisser *fix-xewqa.*
[41] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 196.
[42] Ibid. 218.

## 4.2.2
## L-IŻVILUPP PASTORALI TAL-*ISTQARRIJA*

Mall-iżvilupp teoloġiku tal-*istqarrija*, jeħtieġ niżviluppaw ukoll dak pastorali. Infatti, l-fehma li l-Konċilju ta' Trentu għandu tal-karattru ġudizzjali tal-assoluzzjoni mhijiex daqshekk riġida bħalma ġiet interpretata mit-teoloġija posterjuri. L-integrità[43] ma tridx tkun mifhuma biss f'forma strettament ġuridika.[44]

It-tiġdid attwali tas-sagrament tal-penitenza, jidher li qiegħed isib ostaklu fid-definizzjoni tal-Konċilju ta' Trentu fuq l-integrità tal-qrara. Il-forom ġodda ta' ċelebrazzjonjiet komunitarji bħal donnhom jipprevedu forma ġdida ta' qrara ġenerali, kommunitarja u ġenerika, li wara ssegwi b'assoluzzjoni ġenerali, li allura din, tissostitwixxi dik personali. Insaqsu f'dan il-kuntest: dan il-mod ta' kif tiċċelebra is-sagrament hu jew mhux eskluż mid-definizzjoni li tal-Konċilju ta' Trentu?[45]

Xi awturi jgħidu sempliċement li l-Konċilju ma jeskludiex li jista' jkun hemm xi forma ġdida ta' qrar li fiha l-maħfra tad-dnubiet gravi tista' ssir permezz ta' qrara kommunitarja u ġenerika u b'assoluzzjoni ġenerali. Però l-istqarrija integra rilevata mill-Konċilju, tibqa' preżenti. Jiġifieri għalkemm id-dnubiet mejta jkunu maħfura kollha tibqa' l-esiġenza li

---

[43] Biex nifhmu d-definizzjoni fuq l-integrità tal-istqarrija tad-dnubiet irridu nżommu quddiem għajnejna l-mod ta' kif il-Konċilju fehem id-distinzjoni bejn id-dnubiet mortali u d-dnubiet venjali.
[44] RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II,* Torino 1972, 220.
[45] Ibid. 220.

tqerrhom singolarment imma dan mhux wara kull ċelebrazzjoni kommunitarja, imma f'ċerti sitwazzjonijiet biss.[46]

[46]Ibid. 223.

# 5.
# KONKLUŻJONI

Fl-aħħar, huwa verament xieraq li nikkonkludu din ir-riflessjoni tagħna, fuq id-dimensjoni personali tas-sagrament tal-penitenza, b'riflessjoni tal-Papa preżenti, Franġisku. Il-Papa qiegħed jipprova jbiddel diversi aspetti preżenti fis-sagrament tal-penitenza.

Infatti, f'omelija li għamel fir-Raba' Ħadd tal-Għid, fil-Bażilka ta' San Pietru fil-21 ta' April 2013, il-Papa jgħid lis-saċerdoti: *"Con il Sacramento della Penitenza rimetterete i peccati nel nome di Cristo e della Chiesa. E oggi vi chiedo in nome di Cristo e della Chiesa: per favore, non vi stancate di essere misericordiosi."*[47]

B'dan il-kliem, il-Papa joħroġ fid-dieher, kemm irid is-saċerdoti jkunu rgħajja bil-qalb ta' Kristu Ġesù, qalb li ma waqfet qatt turi ħniena mal-poplu t'Alla. Għalhekk, is-saċerdot jeħtieġ li joqgħod attent kif igħin, b'karità nisranija vera lill-penitent, biex dan iħossu sollevat u mhux b'aktar ħtija personali gravi tad-dnubiet tiegħu. Dan sintendi għandu jgħin fid-dimensjoni personali ta' dan is-sagrament. Għaliex kif jgħid il-Papa, *"...fil-ministeru tagħna aħna jeħtieġ li nakkumpanjaw lill-poplu t'Alla biex infejquh mill-feriti li għadhom iżommuh miġrugħ."*[48]

---

[47] FRANCIS, *Omelia del Santo Padre Francesco* (2013) (online) : http://www.vatican.va/holy_father/francesco/homilies/2013/documents/papa-francesco_20130421_omelia-ordinazione-presbiterale_en.html [26 ta' Novembru, 2013].

[48] SPADARO ANTONIO, *Interview with Pope Francis: "A Big Heart Open to God"* (2013) (online) : http://pontificateofpopefrancis.blogspot.com/2013/09/pope- francis-interview.html [26 ta' Novembru, 2013].

# 6.
# BIBLIJOGRAFIJA


- *Catechism of the Catholic Church*, translated by Geoffrey Chapman, London 1994;
- RAHNER KARL, *Encyclopedia of Theology*, India 2004;
- RAHNER KARL, *Theological Investigations*, II, London 1975;
- RAMOS-REGIDOR JOSÈ, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino 1972.

SITI KWOTATI:

- FRANCIS, *Omelia del Santo Padre Francesco* (2013) (online) : http://www.vatican.va/holy_father/francesco/homilies/2013/documents/papa-francesco_20130421_omelia-ordinazione-presbiterale_en.html [26 ta' Novembru, 2013];
- JOHN PAUL II, *Dives in Misericordia* (1980) (online) : http://www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/encyclicals/documents/hf_jp-ii_enc_30111980_dives-in-misericordia_en.html [26 ta' Novembru, 2013];
- SPADARO ANTONIO, *Interview with Pope Francis: "A Big Heart Open to God"* (2013) (online) : http://pontificateofpopefrancis.blogspot.com/2013/09/pope-francis-interview.html [26 ta' Novembru, 2013].